**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 15 ta' Frar 2017**

**App. Nru. 492 / 2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eugene Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Eugene Galea, karta ta' l-identita` numru 572459(M), talli:

(1) nhar-il 22 ta' Settembru 2013 għall-ħabta tas-sitta u tmien minuti ta' filgħodu (06:08 hrs) x'imkien f'dawn il-Gżejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` proviżorja imposta mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D. datata 6 ta' Ġunju 2013 billi avviċina lil wieħed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni;

(2) nhar-il 4 ta' Novembru 2013 bejn 09.00 hrs u 13:00 hrs ġewwal-Qrati ta' Malta l-Belt Valletta kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` proviżorja imposta mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D. datata 6 ta' Ġunju 2013 billi ma deherx għal kawża quddiem il-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati addebitati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 6 ta' Ġunju 2013 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi Eugene Galea, kif ukoll li tordna li s-somma ta' għaxart elef euro bħala garanzija personali li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) nhar-it 8 ta' Novembru 2013 bejn 13:00 hrs u 17:30 hrs ġewwa l-Għassa tal-Marsa u Għassa Birkirkara naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija;

(4) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi ta' P.S. 830, uffiċjal inkarigat minn servizz pubbliku, u/jew ma ħalliex u/jew fixkel waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal f'dmirijietu billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra (Kap. 9 art. 338(ee);

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 579(3), 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Eugene Galea ħati skond l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu tliet xhur priġunerija, irrevokat id-digriet tas-6 ta' Ġunju 2013, u ordnat l-arrest mill-ġdid tiegħu iżda astjeniet milli tieħu provvediment dwar il-garanzija personali mogħtija fl-istess digriet;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Eugene Galea ppreżentat fit-12 ta' Novembru 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti (a) tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, (b) minflok issibu mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, (c) fin-nuqqas, jekk tikkonferma l-ħtija, tirriforma s-sentenza msemmija billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn erogat piena karċerarja effettiva ta' tliet xhur u tinfliġġi piena iktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa diġa` rrisponda għal għemilu u ġie kkundannat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għalhekk ma jistax jerġa jiġi rinfaċċjat bl-istess akkużi, u

dan a bażi tal-prinċipju *ne bis in idem*; (2) li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi meta qieset li l-messaġġ mibgħut fuq il-profil tal-*Facebook* kien jammonta għal ksur tal-kondizzjoni li ma javviċinax ix-xhieda tal-prosekuzzjoni peress li l-Ispettur Ramon Mercieca kien l-uffiċjal investigattiv; (3) li ma kien hemm l-ebda bażi għaliex persuna li naqset darba minn li tattendi għal smiegħ ta' kawża tiġi arrestata u miġjuba taħt arrest quddiem il-Qorti u rinfaċċjata bl-akkużi formulati mill-Pulizija Eżekuttiva u li dan l-arrest kien għalhekk jikkostitwixxi abbuż ta' poter; (4) li, mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ, il-piena nflitta hija eċċessiva u mhux idoneja.

**6.** Jirriżulta illi kontra l-appellant kien hemm proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li dwarhom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kondizzjonijiet skond digriet tas-6 ta' Ġunju 2013 (ara fol. 14). Fost dawn il-kondizzjonijiet kien hemm il-kondizzjoni li jidher għal kull att tal-proċess fid-data, lok u ħin li jiġu lilu ordnati minn dik il-Qorti jew minn Qorti oħra, u l-kondizzjoni li ma jkellimx jew javviċina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Wieħed mix-xhieda kien l-Ispettur Ramon Mercieca li kien qabel investiga allegazzjoni ta' proċedura ħażina ġewwa l-Animal Welfare Department u li, flimkien ma' l-Avukat Ġenerali, ma kinux sabu lok li jittieħdu proċeduri kriminali fuq dik l-allegazzjoni. Fit-22 ta' Settembru 2013, u cioe` lejliet li kellu jixhed l-Ispettur Ramon Mercieca fil-proċeduri kontra l-appellant, huwa sab *facebook message* mingħand l-appellant.

**7.** Issa, l-appellant jammetti li bagħat dan il-messaġġ, kemm fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Jidher li l-appellant kien intenda dak il-messaġġ lill-Ispettur Mercieca bħala l-persuna li kienet investigat l-allegazzjoni fuq imsemmija u mhux biex jinfluwenzah fil-mod kif kellu jixhed. Dan, pero`, ma setax jeżimieh mill-obbligu li kellu li josserva l-kondizzjoni fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest li ma jkellimx u ma javviċinax lix-xhieda tal-prosekuzzjoni la direttament u lanqas indirettament. L-appellant kien jaf illi l-Ispettur Ramon Mercieca kellu jixhed fil-proċeduri pendenti kontra tiegħu peress illi akkuża minnhom kienet tirrigwarda reat allegatament kommess fil-konfront ta' l-istess Spettur Mercieca. L-appellant kellu għalhekk josserva d-digriet imsemmi skrupolożament. Bin-nuqqas li jagħmel dan, ġie li kiser kondizzjoni fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**8.** Jirriżulta wkoll li fil-proċeduri msemmija kontra l-appellant, is-seduta tat-23 ta' Settembru 2013 inżammet u dakinhar il-kawża ġiet differita għall-4 ta' Novembru 2013 (ara fol. 16). Fl-4 ta' Novembru 2013 l-appellant ma attendiex is-seduta u l-

Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati ta' disprezz u kkundannatu multa ta' mitt euro (€100) u ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-kofront tiegħu għas-seduta ta' wara.

**9.** L-aggravju li qajjem l-appellant ta' *ne bis in idem* ma japplikax fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu iżda din il-Qorti m'għanda l-ebda dubju li għandha titqies li tapplika fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**10.** Fil-qasam tad-dritt penali huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-*ne bis in idem*, "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."[1] Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Alfred Fenech deċiż fis-26 ta' Ġunju 2014 intqal:

> **"Il-Qorti ezaminat id-differenzi sottili illi hemm bejn il-Kodici Kriminali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt illi l-Kodici Kriminali jitkellem ghall-istess fatt li jkun suggett tal-kawza l-ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar l-istess reati 'li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...'. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fuq imsemmija kontra George Azzopardi [23 ta' Jannar 2014] qalet: 'L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza.' M'hemmx dubbju illi l-akkuzi odjerni huma alternattivi ghall-akkuzi originali li taghhom l-appellat kien digà misjub hati u l-istess provi illi ngabu f'dik il-kawza jistghu jingiebu f'din il-kawza sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha success fil-kawza taghha u dana huwa proprju l-argument illi ngab fil-kawza irrapportata mill-ewwel Qorti 'Sua Maesta il Re versus Agatha Mifsud u Carmelo Galea' (15.6.19.18) fejn intqal fost affarijiet ohra 'The true test by which the question whether such a plea is a sufficient bar to any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first.'"**

**11.** M'hemmx dubju li meta l-appellant ġie akkużat f'dawn il-proċeduri li kiser il-kondizzjoni fid-digriet ta' ħelsien mill-arrest li kellu jidher għal kull att tal-proċess fid-data, lok u ħin li jiġu lilu ordnati mill-Qorti, kien qiegħed jiġi akkużat dwar l-istess fatt, cioe` n-nuqqas ta' dehra tiegħu fil-Qorti fil-jum stabbilit, li għalih huwa kien diġa` ġie dikjarat ħati u kkundannat. Jiġifieri l-imputazzjoni odjerna kellha titqies bħala alternattiva għal dik ta' disprezz.

---

[1] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawża fl-ismijiet Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

**12.** Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant ta' *ne bis in idem* in kwantu tolqot it-tieni imputazzjoni qed tiġi milqugħa.

**13.** Kwantu għat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, dawn għandhom jitqiesu assorbiti f'xulxin. Minn eżami tal-provi din il-Qorti tifhem li l-appellant ħadha bi kbira meta ġie arrestat mill-Pulizija, iżda ma jistax jitqies li kien hemm abbuż ta' poter fl-aġir tagħha. Wara kollox l-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali stess jipprovdi li: **"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest..."** Jingħad inoltre illi P.S. 830 Chris Debono għamel minn kollox sabiex jassisti lill-appellant meta ġablu tabib, xtralu l-ilma u akkompanjah Mater Dei darbtejn. Parti mill-aġir ta' l-appellant fil-konfront tal-Pulizija (jintelaq ma' l-art, jgħajjat) kien fil-fatt jikkostitwixxi tfixkil fil-qadi ta' dmirijiethom bi ksur ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**14.** Kwantu għall-piena, din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li se jiġi dikjarat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, iċ-ċirkostanzi kif spjegati fuq li fihom bagħat il-*facebook message*, il-fatt li baqa' taħt arrest preventiv għal għaxart ijiem, u l-fatt li l-fedina penali tiegħu turi li mhuwiex ta' kondotta refrattarja[2],

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah; tiddikjara t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet assorbiti f'xulxin; tirrevokaha in kwantu kkundannatu tliet xhur priġunerija, irrevokat id-digriet tas-6 ta' Ġunju 2013, u ordnat l-arrest mill-ġdid tiegħu, u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

[2] Il-fedina penali turi biss, almenu *prima facie*, żewġ okkażjonijiet fejn ġie kkundannat għall-ħlas ta' ammendi.